# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 29 ta' April 2002**

**Avviz. numru 773/96**

**Numru 25**

**Elmo Insurance Services Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tas-socjeta assikurata taghha Chempetrol Overseas Limited u l-istess Chempetrol Overseas Limited**

**vs**

**Martin Fenech u b'digriet tal-Qorti tal-24 ta' Jannar 1997 intervjeniet fil-kawza l-kumpanija Middle Sea Insurance Agency Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attur is-somma ta' sitt mija sebgha u sebghin lira sebgha u

erbghin centezmu (Lm677.47c) in kwantu ghal sitt mija tnejn u tletin lira sebgha u erbghin centezmu (Lm632.47c) 'l Elmo Insurance Services Ltd noe u in kwantu ghal hamsa u erbghin lira (Lm45) 'l Chempetrol Overseas Ltd, bhala danni mill-konvenut kagunati in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara l-Kappara fid-9 ta' Awissu 1994 meta waqt li kien qed isuq il-car Nru S-3938 habat mal-car Nru Z-0545 propjreta tas-socjeta attrici Chempetrol Overseas Ltd u misjuqa minn Raymond Vassallo, prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-10 ta' Awissu 1995, dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Jannar 1996, u dawk tal-ittra ufficjali li ggib id-data tal-avviz ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Jannar 1996, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut li biha eccepixxa (a fol 2 tal-atti):

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-responsabilta' ghal-incident "de quo" hija unikament tas-sewwieq tal-vettura Z-0545, propjeta' tal-assikurat tas-socjeta attrici u l-konvenut m'hux bl-ebda mod responsabbli ghall-istess incident.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-digriet taghha tal-24 ta'Jannar 1997 u li bih is-socjeta' assikuratrici tal-konvenut interveniet f'din il-kawza "in statu et terminus" (Fol 17 u 18 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, in konnessjoni ma dan l-incident (ara l-iskizz a fol 21 tal-atti), Raymond Vassallo (fol 36 et seq ibid) li kien qed jsuq il-karozza numru Z-0545, assikurata mas-socjeta assikuratrici attrici, xehed li kien sejjer fid-direzzjoni tat-triq Regjonali, gej minn triq dritta. Warajh, kien hemm triq ghan-nizla li taghti ghal fejn kien hemm it-tankijiet tal-gass. Minn l-iskizz imsemmi, hu seta' jispecifika li kien hiereg minn Triq il-Verdun waqt li l-vettura l-ohra kienet gejja mid-direzzjoni tal-istess Triq Regjonali. Hawnhekk hu testwalment

xehed " Minn fejn kont hiereg jien, fuq in-naha tax-xellug, fejn hemm qiesa bicca tas-"central stip", kien hemm hofra ("donnha t-triq kienet sfrondat"). Sabiex jiskapola l-istess hofra, "trid tohrog xi ftit il-barra" kif effettivament ghamel. Kif hu rega' mar fuq in-naha proprja tieghu tat-triq, saret il-habta in esami billi z-zewg vetturi gew ras-imb-ras. In rigward l-imsemmi skizz, ix-xhud specifika li meta saret il-habta l-karozza misjuqa minnu kienet "aktar lura minn fejn ….. hija indikata fuq l-isketch". Inoltre, hu ikkonferma li "dak il-brake mark wara l-karozza tieghu huwa tieghu".

Ikkunsidrat

Illi da parti tieghu l-konvenut (fol 52 et seq ibid) xehed li, kif taqbez ir-"roundabout" fejn kien hemm it-"tank" tal-gass, fuq ix-xellug hemm triq li minnha tidhol gewwa fil-Kappara. Hu, mit-triq Regjonali dahal gewwa l-Kappara minn din it-triq. In rigward dan, hu qal, testwalment, "Jiena u diehel iltqajt ma vettura misjuqa minn Raymond Vasssallo" gejja mid-direzzjoni opposta ghalih, Hawnhekk, l-iehor dahal ghal fuqu u b'hekk saret il-habta. Fix-xhieda tieghu l-konvenut spjega li fuq in-naha tieghu tal-triq, fuq ix-xellug kien hemm tlett vetturi parkeggati, angolati mal-bankina. Hu sostna li dawn il-vetturi kienu hemm meta gew il-Pulizija fuq il-post, wara l-incident. Effettivament dawn it-tlett vetturi ma humiex

imnizzlin fuq l-iskizz imsemmi. Ghalhekk hu kien mar ghand is-Surgent tal-Pulizija involut u dan "kien tani xi haga bil-miktub" (ara fol 56 tal-atti). In kontroesami, l-konvenut kompla jenfazizza li hu kien ra ghall-ewwel darba l-vettura l-ohra meta din kienet "madwar sittin metru" il-boghod, li hu kien "di gja kwazi wieqaf peress, li rajtu gej ghal fuqi bi speed qawwi" u li "jiena kont minn nofs tat-triq il-gewwa".

Ikkunsidrat

Illi, in rigward hsarat, il-vettura misjuqa minn Raymond Vassallo garrbithom kollha kemm huma fuq quddiem waqt li dawk fuq il-vettura misjuqa mill-konvenut kienu "fuq il-faccata lejn il-lemin" (ara fol 22 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, jidher b'mod car, li l-Qorti hi rinfaccata b'zewg versonijiet tal-fatti pjuttost konfliggenti bejniethom minghajr ma tissusisti xi prova oggettiva u indipendenti mill-partijiet sabiex tkun tista' tara liema wahda tirrifletti dak li verament gara f'dan il-kaz.

Illi, pero', tixitieq taccenna ghas-segwenti. Wara li gie muri l-iskizz esebit minn PS 547 Martin Agius, Raymond Vassallo ikkonferma li kien hiereg minn Triq il-Verdun u l-incident gara wara li hu kien skapula hofra fuq ix-xellug tieghu u rega gie ghad-dritt. Mill-istess skizz jidher li hu hareg ghad-dritt mentri kien jkun prudenti kieku Raymond Vassallo dar lejn ix-xellug tieghu stante li kienu sbokka ghal go triq pjuttost wiesa' deskritta (fol 20 ibid) mill-istess Surgent bhala "…area miftuha fejn wiehed jista' jsuq".

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl tal-premess, ma jistghux jigu akkolti it-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra is-socjeta attrici nomine et.

Alan Calleja
Deputat Registratur